**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tat-22 ta' Jannar, 2020**

**Avviz Numru. 01/2018**

**Lawrence Borg (ID 16175(G))**

**Vs**

**Tonio Ellis u b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 2018 giet kjamata fil-kawza s-Socjeta' Gozo Concrete Products Limited**

## Il-Qorti,

Rat l-Avvizipprezentat minn Lawrence Borg fid-9 ta' Jannar 2018 permezz ta' liema qed jitlob li Tonio Ellis kif ukoll is-socjeta' Gozo Concrete Products Limited kjamata fil-kawza li giet kjamata fil-kawza permezz ta' digriet tad-19 ta' Ottubru, 2018, jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' sitt elef mitejn u sittin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€6,260.41), rapprezentanti hlas ta' ilma konsenjat lilhom u fuq inkarigu taghhom f'diversi okkazzjonijiet liema hlas baqa' ma thallasx nonostante nterpellazzjoni ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru 2017 bl-imghax skont il-ligi.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-smigh ghas-6 ta' Frar, 2018 f'liema seduta ma kienx ghadu jirrizulta jekk il-konvenut kienx gie notifikat bl-avviz. Il-Qorti giet ukoll infurmata illi l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilita' ta' tranzazzjoni. Il-Kawza thalliet ghal dak l-iskop ghas-seduta tad-9 ta' Marzu, 2018.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2018, il-konvenut ta ruhu b'notifikat bl-avviz u l-Qorti ghal darb'ohra kienet infurmata illi l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilita' ta' tranzazzjoni. Il-Kawza giet iddifferita ghal informazzjoni ghall-1 ta' Gunju, 2018.

Rat illi fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2018, il-konvenut Tonio Ellis talab estensjoni tat-terminu sabiex jipprezenta risposta ghat-talba. Il-Qorti laqghet it-talba u akkordatlu sat-8 ta' Gunju, 2018 sabiex jipprezenta r-risposta u il-kawza giet differita ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2018.

Rat illi fit-8 ta' Gunju, 2018 il-konvenut Tonio Ellis ipprezenta risposta fejn ecepixxa illi:

1) huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi huwa personalment dejjem hallas lill-attur ta' l-ilma. L-ilma mertu ta' din il-kawza huwa ilma li kien ikkonsenjat lis-socjeta Gozo Concrete Products Ltd ( C 45976) u ghalhekk Gozo Concrete Products Limited ghandha tigi kjamata in kawza;
2) L-esponenti ghamel minn kollox sabiex jittransigi din il-vertenza imma l-attur ma jridx jirrikonoxxi l-ammonti dovuti minnu u li fir-rigward taghhom ghandha ssir tpacija ;
3) L-ammont reklamat kellu jigi saldat permezz ta' xoghol.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza tas-Socjeta Gozo Concrete Products Limited;

Rat illi l-imsemmija Socjeta' konvenuta kjamata in kawza Gozo Concrete Products Limited ( C45976) ipprezentat ir-risposta taghha fit-8 ta' Novembru, 2018 fejn eccepiet:

1) L-ammont pretiz huwa kontestat stante illi l-kunsinni ma gewx fatturati bir-rata pattwita;
2) L-intiza bejn il-partijiet kienet illi l-ammont dovut jigi saldat permezz ta' tpartit ta' xoghol da parti tas-socjeta' esponenti;
3) Kwalsiasi ammont li jirrizulta dovut lill-attur mis-socjeta' konvenuta ghandu jitnaqqas b'ammont dovut mill-attur lis-socjeta', liema tpacija saret mis-socjeta' esponenti imma mhux mill-attur illi qed jippretendi illi dak l-ammont gie mhallas separatament meta ma hux il-kaz;
4) Kwalisiasi ammont li jirrizulta dovut lill-attur mis-socjeta' konvenuta ghandu jitnaqqas b'ammont dovut mill-attur lis-socjeta' propjetarja tas-socjeta' esponenti, liema tpacija saret mis-socjeta' esponenti imma mhux mill-attur illi qed jippretendi illi dak l-ammont gie mhallas separatament meta ma hux il-kaz.

Rat illi ghalkemm fil-verbal tas-16 ta' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta illi il-partijiet jipprezentaw noti ta' sottomisjonijiet il-partijiet naqsu milli jaghmlu dan.

Semghet ix-xhieda kollha u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

**PROVI.**

**Fl-affidavit tieghu l-attur** jghid illi x-xoghol tieghu huwa illi jgorr l-ilma bil-bowser. Il-konvenut huwa klijent tieghu u kien icempillu diversi drabi sabiex ifornieh bl-ilma kemm fid-dar tieghu u anke fil-fabbrika tieghu. L-attur isostni illi l-Konvenut Tonio Ellis kien jiffirma personalment hu fuq il-kontijiet u qatt ma nforma lill-attur illi l-kontijiet kellhom jinhargu fuq is-socjeta' kjamata in kawza. Jghid illi ilu sa mit-2008 ma jithallas, izda ezattament ma jiftakarx kemm zmien ezatt ghax mhux lill-konvenut biss ghandu bhala klijent. Lawrence Borg jikkonferma illi l-ammont dovut huwa dak imsemmi fl-avviz u li:

**"...jidher fl-invoices li gew annessi mal-ittra ufficjali..... Kopja ta' din l-ittra bid-dokumenti maghha qed tigi annessa ma ' l-affidavit bhala Dokument LB3."**

Barra minn hekk huwa jikkonferma illi :

**"Kien hemm ammonti ohra dovuti li gew imhallsa permezz ta' materjal li jien xtrajt minghand il-konvenut u li allura sar set off taghhom. Ta' dawn jien inghatajt ircevuta minn naha tal-konvenut liema rcevuti gew esebiti permezz ta' nota u huma mmarkati Dokumenti LB1 u LB2."**

Minn naha l-ohra **fl-Affidavit tieghu l-konvenut Tonio Ellis** jghid illi ma hux minnu illi huwa ma kienx informa lill-attur sabiex johrog l-*invoices* fuq il-Kumpanija Gozo Concrete Products Limited. Tant hu hekk illi l-*invoices* jindikaw lil kumpanija bhala debitrici. Jafferma illi l-ftehim ma' l-attur kien illi dan jithallas ta' l-ilma b'xoghol mill-kumpanija. Jghid illi l-ftehim kien li bhala hlas, l-attur, minflok flus jircievi "*bricks*". Jghid ukoll illi l-attur ha kemm *bricks* minn gand is-socjeta kjamat in kawza kif ukoll madum minghand il-kumpanija l-ohra A.F. Ellis Home Decor Limited. Ikompli jghid illi l-attur ma kellux id-dokumenti kollha rigward il-kunsinni ta' ilma illi ghamel u li hu kien tah il-karti li kellu ghandu. Rigward l-ircevuti LB1 u LB2 jghid illi dawn kienu nhargu meta fil-kumpanija ma kellhomx *cash register*, u ghalkemm ma hemmx imnizzel fuqhom illi nhargu biex ipacu l-ammont, fir-rekords taghhom tnizzlu bhala *set off*. Ikompli jghid illi l-attur naqas milli johrog ricevuta ta' dawn l-ammonti illi tpacew. Rigward ricevuta LB2

jghid illi din inharget mill-kumpanija AF Ellis Home Decor Limited. Jafferma illi maghha l-attur kien inghata ricevuta ohra illi kienet tindika tpacija izda l-attur naqas illi jipprezentaha fl-atti. Isostni illi meta ha l-*bricks* u l-madum l-attur ma hallas ebda flus izda saret it-tpacija kif kien miftiehem bejn il-partijiet

**Ikkunsidrat:**

Rigward l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-konvenut Tonio Ellis illi huwa ma hux legittimu kontradittur u li l-ilma kien konsenjat lis-Socjeta' Gozo Concrete Products Limited, il-Qorti qieset ix-xhieda moghtija mill-attur[1] fejn ikkonferma illi l-ilma sewwasew kien ghall-fabbrika. Spjega illi jew kien icempillu Tonio Ellis jew il-haddiema biex jehodilhom l-ilma fil-fabbrika. Il-konsenja kienet issir fil-fabbrika. L-attur innifsu kkonferma wkoll illi l-*invoices* mahrugin minnu kienu rigward l-ilma konsenjat il-fabbrika u nfatti l-*invoices* jindikaw isem il-fabbrika. Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema ġuridika taghna li:

*"hija ħaġa minn lewn id-dinja li bniedem normlament jikkontratta għalih innfisu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor[2]".*

Il-Qorti fliet l-i*nvoices* imsemmija u jirrizulta car illi ghalkemm Tonio Ellis huwa mnizzel fuq dawn l-*invoices*, taht ismu hemm imnizzel ukoll isem il-Kumpanija Gozo Concrete Products Limited u ghalhekk tqis illi l-attur meta hareg dawn l-*invoices* kien konsapevoli tal-fatt illi Tonio Ellis kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Tonio Ellis illi personalment ma hux legittimu kontradittur hija misthoqqa ghandha tigi milqugha.

Il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tevalwa l-eccezzjoni sollevata dwar l-allegat ftehim dwar tpacija. Fil-ligi nostrana l-istitut ta' tpacija huwa trattat taht l-Artikoli 1196 u 1197 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikoli jipprovdu li:

**Artikolu 1196**
*(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija.*

*(2) It-tpacija ssir ipso jure, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa' fejn ikunu ndaqs .*

**L- Artikolu 1197** jipprovdi illi :

[1] Xhieda 8 ta' Marzu, 2019, A fol 52 tal-process
[2] Frank Cilia noe v. Charles Scicluna, 27 ta' April 1992, Qorti tal-Kummerċ

*(1) It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.*

*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu cert ukoll f'dik li hija kwantità*

Huwa ben car ghalhekk li t-tpacija ssehh biss meta l-estremi previsti fl-Artikoli precitati effettivament jissussistu. Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qrati nostrana illi ezaminaw fit-tul l-istitut ta' tpacija u elenkaw il-principji guridici illi jiggovernawh cioe`:

*It-tpacija hija meqjusa mill-Ligi bhala wahda mill-modi li bihom tintemm obbliazzjoni. Biex issehh it-tpacija, ghalhekk, jehtieg li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, ghal kollox jew f'bicca, obbligazzjoni ohra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpacija, meta tigi eccepita, tammonta ghal stqarrija ta' gharfien ta' l-obbligazzjoni li kontra taghha t-tpacija ssir. Kemm hu hekk, inghad li t-tpacija hija ammissjoni ta' l-obbligazzjoni kuntrarja u twaqqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;*

a) *Fit-tpacija 'i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della lora coezistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge. ...;*
b) *It-tpacija tista' titqies bhala hlas reciproku li jitfi z-zewg obbligazzjonijiet (jekk ikunu indaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpacija ssehh sa' l-ammont ta' l-anqas wiehed u l-obbligazzjoni tibda skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboqq 'il dak li jkun icken;*

c) *Il-Ligi taghna taghraf zewg ghamliet ta' tpacija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqghodx ghar-regoli ta' l-ewwel forma imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha;*

*Biex tista' ssehh it-tpacija legali jehtieg jintwera li:*

(i) *jkun hemm zewg djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux ta' l-istess qies jew valur);*
(ii) *li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin;*
(iii) *li jkunu omogenji (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli);*
(iv) *li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantità; u*
(v) *li d-djun ikunu dovuti u jistghu jintalbu;*

*Fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tishaq li biex issehh it-tpacija jehtieg li jintwera 'l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito'. Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b'awtorità interpretattiva li 'la compensazione suppone*

*l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioè in una sorta di complesso conteggio a proposito del quale non può parlarsi di compensazione in senso tecnico';*

*L-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, in materja ta' kumpensazzjoni, jipprovdi fl-ewwel subinciz tieghu illi 'meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin issir bejniethom it-tpacija'. Din in-norma tippostula qabel xejn illi l-partijiet jkunu kredituri u debituri reciprokament lejn xulxin. Tippresupponi wkoll l-awtonomija tar-rapporti li ghalihom jirreferu l-krediti kotnrapposti tal-partijiet. Li jfisser li t-tpacija ma toperax ruhha jekk il-krediti johorgu mill-istess rapport negozjali. F'kaz bhal dan jista' se mai ikun hemm tpacija f'sens improprju, ossia s-semplici accertament kontabbli ta' dak li wiehed ghandu jaghti jew jircievi;*

*Jinsab stabbilit, imbaghad fl-Artikolu 1197, illi t-tpacija ma ssehhx ipso jure kif jinghad fl-Artikolu 1196(2) jekk iz-zewgt idjun ma jkunux it-tnejn likwidi u certi. Hekk lanqas ma ssehh jekk wiehed mid-djun ma jkunx ammess mill-parti l-ohra jew ikun kontestat. Naturalment il-kontestazzjoni ghall-pretiz kreditu, biex teskludi t-tpacija ma tridx tidher prima facie pretestwuza*[3].

Minn dan l-insenjament johrog car ghalhekk illi biex ikun hemm tpacija jrid ikun hemm zewgt idjun. Ma jistax ikun hemm tpacija jekk ma jkunx hemm dejn min naha ta' l-attur versu l-konvenut u bil-kontra. Is-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova li l-attur ghandu xi dejn maghha. Dak illi qed tippretendi s-socjeta' konvenuta huwa illi tobbliga lill-attur illi jithallas b'materjal fornit minnha minflok bi flus. In oltre ghalkemm Tonio Ellis xehed illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi l-hlas dovut ghall-ilma fornit isir permezz ta' materjal provdut mill-kumpanija konvenuta huwa ma ipprezenta ebda ftehim ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti.

Li hu ta' importanza wkoll huwa illi s-socjeta' konvenuta fl-ebda hin ma cahdet illi ghandha taghti lill-attur. Infatti eccepixxiet it-tpacija u min jaghmel uzu minn din id-difiza jkun effettivament qed jammetti illi huwa debitur ta' min ikun qed javvanza t-talba ghall-hlas . L-argument sollevat mill-konvenuta ghandu zewg ferghat :

a) li l-ammont dovut ma hux skont ir-rata pattwita;
b) illi l-ammonti ta' €1835.14c[4] u €767.02c[5] kienu ammonti dovuti lilha ghax jirrapprezentaw prezz ta' *bricks* u madum illi l-attur xtara minn ghandha u minn ghand AF Ellis Home Decor Limited. Minhabba f'hekk sar *set off* u dunque dawk iz-zewg kontijiet ghandhom jitnaqqsu mill-ammont reklamat mill-attur.

Apparti l-fatt illi ebda prova ma ngabet mis-socjeta' konvenuta ta' xi ftehim illi kien jistabbilixxi r-rati li bih kellu jithallas l-ilma, u ghalhekk din l-eccazzjoni bl-ebda mod

---

[3] John Camilleri et noe v. Charles Vassallo, Citaz. Nru. 478/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru 2011 u Felix Mifsud noe v. Joseph Camilleri Fava noe, Citaz. Nru. 692/95 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2002.

[4] A fol 36 tal-process

[5] A Fol 37 tal-process

ma tista' tintlaqa', di piu' skont is-socjeta' konvenuta l-ammont dovut lill-attur huwa ta' €3658.25[6]. Irid jinghad illi dan l-ammont izda ma jikkorrispondix ma' dak illi xehed Tonio Ellis[7] fejn afferma illi:

"**L-ammont li ghandu jiehu erbat elef, mija, tmienja u disghin u tmintax –il centezmu (4,198.18c)".**

Minn naha l-ohra l-attur f'nota ipprezentata minnu fid-19 ta' Ottubru 2018[8] jafferma illi dawn l-ircevuti fiskali jirriflettu hlas illi sar wara illi huwa xtara materjal minghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk l-ammont dovut lilu huwa dak ta €6260.41c. Ghalkemm Fil-kontro ezami tieghu Lawrence Borg jghid :

"**<u>Ix-xhud</u>:**
**Hallsathom, ix-xoghol li hadt minghandu hallastu jien cash u ghandi l-ircevuta tal-Vat minn tahhom...**"[9]

Izda imbghad fl-affidavit jghid illi dawn jirriflettu *set off*.

Fid-dawl ta' dawn il-verzjonijiet konfliggenti u provi xejn cari sta ghal din il-Qorti ghalhekk sabiex tevalwa l-provi mressqa quddiemha u tasal ghall-konkluzzjoni gusta. Il-kawzi jinqatghu mhux supposizzjonijiet izda "*super allegata et probata*". Il-Qorti trid illi minbarra illi taghmel evalwazzjoni ta' l-*invioces* u dokumenti pprezentati miz-zewg nahat b'reqqa tqis ukoll ix-xhieda moghtija mill-partijiet li taw verzjoni differenti tal-fatti u dan sabiex jigi determinat liema wahda hija l-aktar kredibbli. Dwar kif ghandha ssir din l-evalwazzjoni mill-Qorti tal-provi prodotti f'sitwazzjonijiet bhal dawn, fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) inghad illi:

"*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra;*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*
*... ...*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tassoliti kriterji tal-kredibilita, u specjalment dawk tal-konsistenza u versoimiljanza, ghandhix teskludi lill-*

---

6 €6260.41 –( €1835.14 + €762.02 ) = € 3658.25
7 In kontro ezami fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2019; A fol 95
8 A fol 35 tal-process
9 A fol 64 tal-process

*ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*[10]*."*

Tenut kont ta dan kollu, ma hemmx dubju illi l-kwestjoni prospettata bejn il-kontendenti hija sostanzjalment wahda li tiddependi fuq il-kredibilita` tal-versjonijiet li l-kontendenti jkunu ressqu ghall-gudizzju tal-Qorti. Huwa ben saput u accettat illi ma huwiex insolitu li tribunal jew qorti jsibu ruhhom rinfaccjati b'zewg versjonijiet, anke dijametrikalment opposti, pero` kif jinsab osservat illi

*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu halli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo (**Vol. L P II p 440**), ossija, l-applikazzjoni tal-massima actore non probante reus absolvitur. Din il-qorti jew tribunal ghandhom ifittxu, jezaminaw u jisiltu mill-provi dak is-sostenn u dik ic-certezza morali li taghmel il-versjoni l-wahda aktar kredibbli u attendibbli minn ohra. Dan anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi hekk generalment meqjus bhala sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*.[11]

Huwa proprju fuq l-iskorta ta' dan il-principju tal-valutazzjoni tal-provi li l-kawza trid tigi anke hawn analizzata u deciza. Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti ghalhekk il-Qorti ghaddiet sabiex l-ewwel tevalwa ricevuti pprezentati permezz tan- nota fl-atti[12] u mmarkati LB1 u LB2[13]. Fl-affidavit tieghu l-attur jikkonferma illi kien hemm *set off* mentri fin-nota illi permezz taghha pprezenta dawn l-ircevuti jghid illi kien hallas bi flus. Iffaccjata b'zewg pozizzjonijiet diametrikament opposti mill-istess attur il-Qorti tqis tinnota illi in-nota A fol 35 giet ipprezentata wara illi il-konvenut qajjem l-eccezzjoni ta tpacija. Fil-fehma tal-Qorti l-attur intavola in-nota fit-tentattiv sabiex ixejjen l-argument ta tpacija. Fl-affidavit imbghad l-attur jaccetta illi kienet sar it-tpacija. Affidavit huwa rakkont guramentat u igorr ferm aktar piz probatorju minn kontenut ta' nota pprezentata waqt l-iter gudizzjarju. Huwa minnu illi l-attur in kontro ezami u b'gurament jerga jafferma illi huwa kien hallas ghal materjal izda il-Qorti tqis illi din il-verzjoni ma ghandiex mis-sewwa u ghalhekk hija ghadha toqghod fuq il-verzjoni illi ta l-attur fl-affidavit u cioe illi kien hemm tpacija fil-konfront ta' l-ammonti ta' elf tmien mija u hamsa u tletin ewro u erbatax–il centezmu (€1835.14) kif ukoll fl-ammont ta' seba' mija sebgha u sittin ewro u zewg centezmi (€762.02). Irid pero' jigi sottolinejat illi ghal din il-Qorti t-

---

[10] Kollez.Vol L p II p 440

[11] Interior Finishes Supplies Limited vs Ian Tabone 8 ta' Gunju, 2005, App. Inf.

[12] A fol 35 tal-process

[13] A fol 36 u 37 tal-process

tpacija tirrizulta biss u limitatament fil-konfront ta' dawn iz-zewg ammonti sopra ndikati u msemmija fid-dokumenti LB1 u LB2.

Jigi osservat li huwa principju guridiku stabbilit li attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju '*actore non probante, reus absolvitur*'.

Il-Qorti ezaminat l-*invoices*[14] ipprezentati mill-attur. Dawn l-*invoices* jikkorrispondu ghall-viegi ta' ilma illi tqassam mill-attur fil-perjodu ta' bejn mill-21 ta' Marzu 2014 sal-24 ta' Ottubru, 2016. Meta wiehed jghodd l-ammonti ndikati f'dawn l-*invoices* it-total komplessiv dovut ghall-viegi ta' l-ilma forniti jammonta ghal tlett elef mija u hamsa u tletin ewro (€3135). Dan huwa anqas mill-ammont indikat mill-attur fl-avviz.

Rigward imbghad l-istatement ipprezentat mill-attur a fol 50 hemm xhieda li ma hi cara xejn u addirittura konfuzjonarja. Il-Qorti qed tirrimarka dan ghax l-attur in kontro ezami, ikkonferma illi dak id-dokument hargu hu u jirrapprezanta ammonti dovuti mill-2008 sal-2012 izda imbghad fl-istess nifs jixhed illi :

**".....li m'ghandux it-twelve (12), it-twelve (12) u ghedtlu bihom......imma mhumiex ghandi , ghand l-accountant, it-twelve (12) minghalija u l-eleven (11), imma mhux problema...**

**Mhux problema imma, imorru mar-rih tibzax**."

Hawnhekk l-attur kien qed jirreferi ghall-*invoices* illi huma l-bazi ta' l-istatement imsemmi. Gia la darba l-attur xehed illi s-snin 2011 u 2012 illi huma msemmija fl-istatement, jirrizultaw addirittura neqsin, u minbarra hekk rizultat ta' dan l-attur kien lest illi fi kliemu – "***immorru mar-rih*** " –ghall-Qorti tali dikjarazzjoni tammonta ghal rinunzja ghall-has ta' dawk is-sentejn. Din ir-rinunzja hija bbazata fuq il-fatt illi l-attur ma ressaqx provi sabiex jiggustifika l-kontenut tad-dokument esebit a fol 50. Il-Qorti tqis illi l-inkonsistenza da parti ta' l-attur maghdud man-nuqqas ta' *invoices* kif ukoll ta' zieda ta' taxxa tal-valur mizjud bl-idejn, dan id-dokument jitlef il-valur probatorju tieghu u ghalhekk ma jikkostitwixxix l-ahjar prova ta' tali allegat kreditu u ghaldaqstant il-Qori tqis li dan l-ammont indikat f'dan id-dokument u cioe` €2490.31 ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat.

Mill-banda l-ohra hemm ix-xhieda tal-konvenut Tonio Ellis illi minghajr ebda tlaqlieq afferma illi l-ammont dovut lill-attur huwa erbat elef, mija, tmienja u disghin ewro u tmintax–il centezmu (€4198.18). Huwa minnu illi dan l-ammont jizboq l-ammont fl-*invoices* ipprezentati mill-attur meta maghdudin flimkien madankollu huwa ammont

[14] A fol 46 sa 49

dikjarat mill-konvenut illi jirrizulta illi huwa debitur. Fi kliem iehor hija ammissjoni ta' debitu mid-debitur f'ammont specifikat. Il-Konvenut jispecifika illi l-hlas ghadu ma sarx ghax huwa kien qed jippretendi illi jhallas permezz ta' tpartit u mhux bi flus. Kif gia nghad qabel izda, ebda ftehim ma gie pprezentat illi juri illi li l-attur kien obbligat jaccetta materjal fornit mis-socjeta' konvenuta minflok flus u ghalhekk il-Qorti tqis illi in-nuqqas ta' hlas ma hux gustifikat.

Ghaldaqstant, tenut kont tal-fatti u l-provi kollha mressqa, meta dawn fl-assjem taghhom jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji guridici appena citati jirrizulta evidenti li t-tpacija kif pretiza mill-konvenuti, ma tistax issehh u dan ghaliex guridikament ma hux possibbli.

Ghalhekk l-ammont dovut lill-attur mis-Socjeta' Gozo Concrete Products Limited huwa b'ammissjoni taghhom stess fl-ammont ta' erbat elef mija tmienja u disghin Ewro u tmintax–il centezmu (€4198.18).

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li:

a) tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Tonio Ellis u tiddikjarah mhux legittimu kontradittur u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

b) tichad it-tieni u t-tielet eccezjoni sollevata mill-konvenut Tonio Ellis;

c) Tilqa' t-tielet u r-raba eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' kjamata in kawza Gozo Concrete Products Limited;

d) Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta kjamata in kawza;

e) tilqa' t-talba attrici limitatament pero' sal-ammont ta' €4198.18 u

f) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Gozo Concrete Products Limited thallas lill-attur is-somma ta' €4198.18, bl-imghax legali dekoribbli mill-25 ta' Settembru, 2017, id-data tal-prezentata tal–ittra ufficjali, sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur